MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-5 ta' April, 2011

Citazzjoni Numru. 89/2009

Mark Theuma

vs

Emanuel u Jane konjuġi Vella.

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors ta' l-attur fejn, wara li ppremetta illi:

1. Illi l-intimat Emanuel Vella, permezz ta' skrittura tal-24 ta' Ottubru, 2008 ikkostitwixxa ruħu veru, ċert u likwidu tar-rikorrenti Mark Theuma fl-ammont ta' ħamsa u ħamsin elf u ħames mitt Euro (€ 55,500) kopja ta' liema skrittura qegħda tiġi hawn annessa u markata bħala Dok A liema ammont kien dovut li jitħallas sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2009;

2. Illi in oltre, permezz ta' skrittura oħra tal-10 ta' Diċembru, 2008, l-intimat Emanuel Vella kkostitwixxa ruħu veru, ċert u likwidu debitur f'ammont addizzjonali ta' għoxrin elf u sitt mitt Euro (€ 20,600) kopja ta' liema skrittura qegħda tiġi hawn annessa u markata bħala Dok B liema ammont kien dovut li jitħallas sa mhux aktar tard mill-10 ta' Jannar, 2009;

3. Illi minn dawn l-ammonti tħallas biss l-ammont ta' tmint elef u sitt mitt Euro (€8,600) u għalhekk l-ammont dovut illum huwa ta' sebgħa u sittin elf u ħames mitt Euro (€67,500);

4. Illi in oltre, fuq dan l-ammont ġia ddekokrrew u għadhom jiddekorru interessi bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data li tali ammonti kienu hekk dovuti sad-data ta' l-effettiv pagament u dana hekk kif stabbiliti fl-istess skritturi Dok A u Dok B;

5, Illi minkejja li għaddew diversi xhur l-intimati baqgħu ma ħallsux l-istess debitu u dan minkejja diversi interpellazzjonijiet anki permezz ta' ittra uffiċjali ;

6. Li in sostenn tat-talbiet tiegħu r-rikorrenti ġia intavola Mandat ta' Sekwestru (kawtelatorju) (numru 250/09) fil-konfront tal-intimati konjuġi Vella;

7. Peress illi fil-fehma tar-rikorrenti dan id-debitu huwa wieħed ċert, likwidu u dovut u l-intimati konjuġi Vella ma għandhom eċċezzjonijiet x'iqanqlu għat-talbiet li qed isirulhom u għalhekk din l-Onorabbli Qorti tista' tipproċedi għas-sentenza bid-dispensa tas-smiegħ ai termini ta' l-artikolu mija u sebgħa u sittin (167) tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili.

Talab lill-konvenuti jgħidu għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Taqta' u tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ fit-termini ta' l-artikolu mija u sebgħa u sittin (167) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta (Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili).

2. Tiddikjara lill-intimat konjuġi Vella debituri fil-konfront tar-rikorrenti fis-somma ta' sebgħa u sittin elf u ħames mitt Euro (€ 67,500);

3. tikkundanna lill-intimati konjuġi Vella sabiex iħallsu lir-rikorrenti dawn is-somom rispettivi flimkien ma' l-imgħaxijiet bit-tmienja fil-mija (8%) b'effett mid-dati ġia stabbiliti fl-iskritturi rispettivi sad-data tal-ħlas relattiv.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittri interpellatorji tat-18 ta' Frar, 2009 kif ukoll tal-ittri uffiċċjali ta' Marzu elfejn u disgħa (2009) u April elfejn u disgħa (2009), kif ukoll l-imsemmi mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra l-intimati u bl-inġunzjoni ta' l-istess intimati għas-subizzjoni li għaliha minn issa intom nġunti.

Rat ir-riferta pożittiva tal-konvenut Emanuel Vella, debitament notifikat fid-29 ta' Diċembru 2009.

Innotat li l-istess konvenut baqa' kontumaċi.

Rat ir-Risposta ġuramentata tal-konvenuta Jane Vella, awtoriżżata biex tippreżenta din ir-risposta bid-digriet tagħha ta' l-14 ta' Jannar 2010, u li eċċepiet illi:

1. Illi hija ma għandha ebda relazzjoni ġuridika ma' Mark Theuma għaliex ma kenitx parti fl-iskritturi illi bihom suppost ġie kostitwit id-debitu li jservi a bażi tal-azzjoni attriċi, u għalhekk fil-konfront tagħha t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kollha kontra l-istess attur;

2. Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponenti għandha suspoetti fondati illi l-kawża ta' dawk l-iskritturi kienet waħda lleċita u għalhekk l-istess huma nulli ipso jure bil-konsegwenza illi ma jistgħux iservu ta' bażi għal azzjoni quddiem il-Qorti u għalhekk ukoll it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kollha kontra l-istess attur;

3. Illi fit-tielet lok, u dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponenti tissuspetta wkoll

illi dawk l-iskritturi jimmaskeraw element qawwi ta’ użura u in kwantu għalhekk l-imgħax addebitat bis-saħħa ta’ dawk l-iskritturi, anke jekk immaskerat bħala kapital ma huwiex dovut lill-attur.

4. Salvi risposti ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat il-verbal tagħha tal-11 ta' Jannar 2011 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat in-Noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-konvenuta u l-attur.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u l-affidavits u dokumenti oħra esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-attur qed ifittex li jitħallas mingħand il-konvenuti ta' somma flus li huwa sellifhom f'okkażżjonijiet differenti u li ġew rikonoxxuti mill-konvenut permezz taż-żewġ skritturi privati ndikati fir-Rikors, u ċioe' waħda ta' l-24 ta' Ottubru 2008,[1] u l-oħra ta' l-10 ta' Diċembru 2008. [2]

Kif ġia ngħad, il-konvenut baqa' kontumaċi. Imma martu l-konvenuta l-oħra tikkontesta t-talba safejn hija diretta kontriha wkoll, billi dan is-self u l-iskritturi msemmija allegatament saru mingħajr il-kunsens tagħha, bħala komparteċipi fil-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejnha u bejn żewġha, ġialadarba dawn saru meta hija u l-konvenut kienu ġia miżżewġin.[3]

Skond l-artikolu 1322 tal-Kodiċi Ċivili tagħna hemm ċerti atti ta' amministrazzjoni ta' beni formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti bejn koppja miżżewġa, li jitqiesu bħala atti straordinarji, li jenħtieġu l-kunsens taż-żewġ partijiet biex ikunu jistgħu isiru. Fost dawn is-sub-inċiż (f) tal-paragrafu (3) ta' dan l-artikolu jsemmi is-self ta' flus.

---

[1] Dok. A a fol.6 tal-process .
[2] Dok. B a fol. 7 tal-process .
[3] ara kopja tac-certifikat taz-zwieg tal-konvenuti a fol. 37 .

Jirriżulta mill-istess skritturi ta' self u anke mill-provi l-oħra prodotti, illi l-konvenuta ma pparteċipatx bl-ebda mod fis-self li ngħata mill-attur lill-konvenut, anzi l-istess konvenuta ssostni bil-qawwa kollha li hija qatt ma ġiet informata minn żewġha li kien ser jagħmel dan is-self. Il-konvenuta għalhekk tippretendi illi hi m'għandhiex tagħmel tajjeb b'seħemha mill-komunjoni ta' l-akkwisti għad-dejn kuntrattat minn żewġha waħdu.

L-artikolu 1326 (1) Kap. 16 jikkontempla l-każijiet fejn l-atti magħmula minn waħda mill-partijiet miżżewġa mingħajr il-kunsens tal-parti l-oħra jistgħu jiġu annullati. Dan jista' jsir biss meta dawn l-atti jkunu dwar "***it-trasferiment jew il-ħolqien ta' jedd reali jew personali fuq proprjeta' immobbli; u meta dawk l-atti jkunu dwar proprjeta' mobbli dawn jistgħu jkunu annullati biss meta l-jeddijiet fuqhom ikunu ngħataw b'titolu gratuwitu***." Imma fil-każ in eżami ma tesiżti ebda waħda miċ-ċirkostanzi hawn kontemplati. Għalhekk, għalkemm il-konvenuta fin-Nota ta' sottomissjonijiet tagħha tagħmel talba biex din il-Qorti tissoprasjedi, ħalli hija jkollha l-opportunita' tattakka b'kawża *ad hoc* dan is-self, din it-talba ma tistax tiġi milqugħha, billi s-subartikolu hawn ċitat ma jistax ikun applikabbli.

L-unika rimedju li jibqgħalha l-konvenuta, imma mhux fil-kawża preżenti, huwa riservat għaliha bis-sub-inċiż (5) ta' l-istess artikolu, li jippermettilha tieħu azzjoni kontra żewġha biex iġġiegħlu jirreintegra l-komunjoni ta' l-akkwisti, jew meta dan ma jkunx jista' jsir, billi jagħmel tajjeb għad-danni li tkun ġarrbet minħabba dan is-self li għamel.

Mill-bqija, ġialadarba l-istess konvenuta ma ressqet ebda provi dwar l-allegazzjonijiet tagħha ta' kawża lleċita u/jew użura, u tenut kont li n-nutar li rrediga dawn l-iskritturi kkonferma l-awtentiċita' tagħhom,[4] ma jibqa' ebda raġuni għaliex it-talbiet attriċi m'għandhomx jiġu milqugħa.

[4] ara depożizzjoni tan-Nutar Anthony Hili a fol. 17 – 18.

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta, tilqa' t-talbiet attriċi, u:

1. tiddikjara lill-konvenuti konjuġi Vella debituri fil-konfront ta' l-attur fis-somma ta' sebgħa u sittin elf u ħames mitt euro (EUR67,500); u

2. tikkundannahom sabiex iħallsu lill-attur din is-somma flimkien ma' l-imgħaxijiet bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena, b'effett mid-dati ġia stabiliti fl-iskritturi rispettivi ta' l-24 ta' Ottubru 2008 u dik ta' l-10 ta' Diċembru 2008, sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------